MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 119/7

It-Tnejn 25 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

119.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

119.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (117/7 [18/02/19]; 118/7 [14/02/19]; 120/7 [11/03/19])

119.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

119.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

119.5 Rapporti;

119.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Triq iż-Żebbuġa – progress
   b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
   c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
   d. Ġnien Raymond Caruana – progress
   e. Ġnien Ġlormu Cassar - progress

119.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

119.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**119.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

119.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino kien informa illi kien jinsab indispost u għalhekk ma setax jattendi għal din il-laqgħa. B'mod unanimu l-Kunsill qabel illi għal kull buon bini tal-proċedura, is-Sur Baldacchino għandu jiġi konsidrat bħala skużat u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**119.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (117/7 [18/02/19]; 118/7 [14/02/19]; 120/7 [11/03/19])**

119.2.1 Korrezzjoni tal-minuti nru 120/7 f'paġna 3. Is-Sur Sammut qal li fil-fatt il-mozzjoni tressqet minnu (is-Sur Sammut) u ssekondata mis-Sur Caruana u mhux kif intqal meta din il-mozzjoni ġiet għall-vot.

Din l-amenda ġiet approva b'mod unanimu.

Wara din l-amenda dwar il-minuti tal-laqgħa nru 120/7, il-minuti kollha dwar il-laqgħa nru 117/7, 118/7 u 120/7 ġew approvati nem con.

**119.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

119.3.1 Miżura 4.3 – toroq mhux urbani (fil-kampanja f'Tal-Lampat, Ta' Loreto u Triq Victor Pasmore). Is-Sindku qal li għalkemm kien maħsub li dawn ix-xogħlijiet kienu se jibdew fi żmien qasir, il-kuntrattur RMS (Joseph Desira) b'mod soprendenti, meta kien maqbul li kienet sejra ssir laqgħa finali mal-WSC fl-uffiċċju tal-Kunsill, is-Sur Desira naqas li jattendi u fl-istess ħin bagħat jinforma lill-Kunsill illi huwa ma kienx lest li jagħmel ix-xogħol għaliex daħal għal xogħol ieħor.

Is-Sindku qal li qed ikun hemm kuntatt ma' diversi entitajiet sabiex tinstab soluzzjoni li filwaqt li jiġi assigurat li l-fondi taħt Miżura 4.3 jiġu protetti u assigurati, ikun hemm possibilità li dan il-proġett jiġi assenjat lill-Infrastructure Malta peress li hemm possibilità li għandhom kuntratturi disponibbli li jagħmlu dan ix-xogħol fl-aqsar żmien.

Jekk dan ix-xogħol ma jsirx mill-Infrastructure Malta u wara li tinkiseb l-approvazzjoni meħtieġa, il-Kunsill ikun kostrett li jerġa' joħroġ it-tender.

Is-Sindku qal li peress dawn it-trejqiet fihom ħafna ħsara l-Kunsill huwa wkoll kostrett li jagħmel patching anke jekk temporanju għaliex il-Kunsill ikun qed jesponi ruħu għad-danni jekk ikun hemm ħsarat ikkawżati mill-qagħda ħażina ta' dawn it-trejqiet.

Fuq mistoqsija tas-Sur Fenech, is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill qiegħed ikun f'kuntatt mas-Sur Robert Tabone uffiċjal ogħli fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dan qed jassigura lill-Kunsill illi l-fondi taħt il-miżura 4.3 huma protetti.

119.3.2 Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja. Is-Sindku qal li l-kuntrattur li ġie magħżul huwa LBV Ltd. Is-Sindku qal li jinsab infurmat li malli jinkiseb il-permess tat-TM kif ukoll li l-kuntrattur jagħti garanzija bankarja skont it-tender, ikun jista' jsir il-kuntratt u x-xogħol jibda bla dewmien. Data proviżorja hija 01 ta' April 2019.

119.3.3 Proġett – Triq Sta Katarina, Triq id-Dejqa u Triq Joseph Pace. Is-Sindku qal li l-offerti ħarġu u dalwaqt jagħlqu. Is-Sindku qal li filwaqt li ġew allokati u approvati fondi mid-Development Planning Fund, dwar Triq Sta Katarina li hija stmata €396,312.51, għad ma hemmx fondi disponibbli.

Is-Sindku sostna li dan il-proġett huwa ppjanat li jiġi mwettaq f'diversi partijiet kif ippreparati mill-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli sabiex jinkisbu fondi sabiex possibbilment anke jsiru xogħlijiet meħtieġa fi Triq Sta Katarina u b'hekk il-proġett ikun dak ħolistiku.

**Sospensjoni tal-Aġenda**

Għal ħabta tas-6.25pm fuq proposta tas-Sindku li dwarha kien hemm qbil unanimu, is-Sindku stieden lis-Sinjuri Omar Xuereb u Carmel Ellul f'isem l-Għaqda Mużikali Marija Assunta, sabiex jindirizzaw il-Kunsill dwar il-proposta tagħhom dwar bdil ta' isem ta' triq iddedikata lill-Madonna taċ-Ċintura fl-okkażjoni tal-għeluq il-mitt sena tas-Soċjetà. Dawn huma l-proposti sabiex tinbdel isem ta' Triq San Ċiro għal 1. Triq Madonna taċ-Ċintura jew 2. Triq Madonna tal-Konsolazzjoni.

Saret diskussjoni dwar it-toroq proposti u msemmija u dwar il-linji gwida dwar it-tismija ta' toroq.

Dwar Triq Pietru Gagliardi u Triq Vicenzo Dimech, li huma konnessi mal-Knisja tal-Gudja dan jidher li ma jkunx possibbli għaliex diġà hija ċara fil-linji gwida li ma jippermettux li dan isir.

Il-Kunsill qabel li fil-prinċipju ikun hemm triq imsemmija għall-Madonna taċ-Ċintura bil-preferenza skont l-ordni hawn indikat:

1. Triq Madonna taċ-Ċintura
2. Triq Madonna tal-Konsolazzjoni

Il-Kunsill jagħmel applikazzjoni mal-Kummissjoni Elettorali – Kumitat Tismija ta' Toroq kif meħtieġ.

Permessi għal diversi attivitajiet għall-okkażjoni tal-għeluq tal-mitt sena tas-Soċjetà. Waqt din il-laqgħa s-Sinjuri talbu lill-Kunsill sabiex jindika li ma għandux oġġezzjoni għal dawn il-permessi li wara jgħaddu għand il-Pulizija sabiex jawtorizzaw u jieħdu passi oħra dwar sigurtà u għeluq ta' toroq. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li ma jsibx l-ebda oġġezzjoni.

**Tkomplija tal-laqgħa** Is-Sinjuri ħallew il-laqgħa fis-6.50pm u l-laqgħa kompliet skont l-aġenda.

119.3.4 Sqaq Munxar. Is-Sindku stqarr u l-Kunsill qabel li Sqaq il-Munxar għandu jitnaddaf.

119.3.5 Tqassim ta' bins Sort-It-Out mill-Kunsill. Is-Sindku qal li peress li kien hemm diversi talbiet sabiex jinġiebu dawn il-bins, il-Kunsill għamel arranġamenti mal-WasteServ u ġab konsenja sabiex jitqassmu lir-residenti speċjalment lill-anzjani skont il-proċedura kif stabbilita mill-WasteServ.

119.3.6 Ġbir ta' skart. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-ġbir tal-iskart kien qiegħed jittardja u li dan kien qed joħloq inkonvenjent serju għar-residenti li diversi drabi jiġu ilmentaw għand il-Kunsill.

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-pożizzjoni dwar il-qagħda kif il-kuntrattur li ntgħażel jidher li ma kienx f'qagħda li jagħmel ix-xogħol u dwar il-parir li l-Kunsill talab u ngħata mid-DLG.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li filwaqt li formalment jinforma l-ewwel offerent li l-offerta tiegħu waqgħet jinforma lit-tieni offerent sabiex iġib il-garanzija meħtieġa fi żmien 7 ijiem u b'hekk ikun jista' jagħmel il-kuntratt u jieħu x-xogħol skont it-tender li huwa kien tefa'.

Il-Kunsill qabel li għandu jkun infurmat dwar dan minn żmien għal żmien għaliex fin-nuqqas li jsir il-kuntratt meħtieġ, il-Kunsill jitlob servizz ta' emerġenza minn kuntrattur/i oħrajn u jipprovdu li joħorġu sejħa għall-offerti ġodda fl-aqsar żmien possibbli.

119.3.7 Sleeping policeman – Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja. Is-Sindku qal li din it-tumbata qed tikkawża inkonvenjent serju għar-residenti. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li din għandha titneħħa mill-aktar fiss u l-Kunsill għandu jsib kuntrattur sabiex permess ta' direct order jagħmel ix-xogħol kif meħtieġ.

119.3.8 Problema ta' magħqad tal-ilma fi Triq San Pawl. Is-Sindku spjega li hemm biċċa mit-triq li hija maqluba peress li jista' jkun li ċediet minħabba nġenji kbar u tqal li qed jintużaw l-iżvilupp ta' proprjetà f'din it-triq.

Is-Sindku qal li sar patching li kien maħsub li jitneħħa l-inkonvenjent iżda l-magħqad baqa' hemm.

Il-Kunsill qabel illi l-istess kuntrattur li jiġi mqabbad sabiex ineħħu l-isleeping policeman fi Triq iż-Żebbuġa jiġi mqabbad ukoll b'direct order sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ ta' tiswijiet li jwasslu li dan il-magħqad jitneħħa darba għal dejjem.

119.3.9 Edukazzjoni sportiva u l-logħob tal-futbol. Trasport waqt il-logħob li fadal tal-Gudja United FC. Is-Sindku qal li reġa' wasal iż-żmien, minħabba l-popolarità tal-futbol, il-Kunsill iħajjar lin-nies tal-Gudja jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi.

Il-Kunsill approva li jħallas għat-trasport (mini van jew coach) tal-players u sapporters kif ġej:

30/03/19; 03/04/19; 07/04/19; 13/04/19; 22/04/19.

Il-Kunsill qabel li l-ħlas għandu jsir wara li jiġi assigurat li dan is-servizz ikun ngħata kif meħtieġ u li tingħata rċevuta fiskali bil-VAT inkluż.

Hija x-xewqa tal-Kunsill illi jkun hemm aktar residenti li jagħmlu eżerċizzju fiżiku permezz tal-isport.

119.3.10 Tower crane fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qal li kien ġie avviċinat sabiex jitpoġġa tower crane fi Ġnien R. Caruana sabiex jintuża fi proġett ta' bini faċċata fi Triq P. Gagliardi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha ssir talba formali mill-iżviluppaturi u li għandu jiġi assigurat li jekk u meta jkun hemm approvazzjoni dwar dan, dan il-krejn ma jfixkilx fir-riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana liema xogħol huwa mistenni li jibda fil-futur qarib.

119.3.11 Xogħol fis-side street fejn hemm id-djar residenzjali fi Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa kbira li jsiru xogħlijiet għax ir-residenti ilhom jilmentaw dwar il-qagħda speċjalment meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku ppreżenta 2 BOQs mill-Perit A. Camenzuli DPlan dwar resurfacing ta' din il-parti tat-triq. Il-Kunsill approva li dan ix-xogħol jingħata b'direct order. Is-Sindku qal li l-fondi dwar dan ix-xogħol jistgħu jinkisbu mir-Reġjun Nofsinhar.

119.3.12 Rimbors tal-kont tal-ARMS liema ammont kien inqata' direttament mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill f'dawn l-aħħar ġranet irċieva ċekk ta' €4750.00 mill-ARMS li huwa l-istess ammont li kien inqata' mid-Dipartiment mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill b'mod unanimu ta' prosit lil kulmin ħadem sabiex din l-inġustizzja ġiet irranġata anke jekk ħadet ħafna żmien sakemm id-Dipartiment fehem li l-Kunsill kellu raġun.

119.3.13 Qlugħ ta' siġar tal-fikus (rubber plant) fi Triq V. Dimech (pjazza tal-Qalb ta' Ġesù) u Vjal it-Torri. Is-Sindku qal li wara li ġie deċiż mill-ERA li dawn huma siġar li jistgħu jinqalgħu mingħajr permess il-Kunsill qed jieħu passi sabiex ix-xogħol isir malajr.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li talab lill-ELC sabiex jagħmel dan ix-xogħol u jekk dan ma jsirx il-Kunsill iqabbad kuntrattur ieħor.

**119.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

119.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**119.5.0 Rapporti**

119.5.1 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Konfini tal-Gudja – Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Is-Sur Sammut stqarr u l-Kunsill qabel li għandu jirrispondi għall-mistoqsija li għamel il-Ministru Dr. Owen Bonnici rigward oġġezzjonijiet min-naħa ta' Ħal Luqa.

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ma jarax il-bżonn li jingħata xi permess, ġustifikazzjoni jew risposta mill-Kunsill ta' Ħal Luqa dwar dak li talab il-Kunsill. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja jħoss li dak li tlabna, bir-raġunijiet kif elenkati fil-mozzjoni li ġiet preżentata xi ġimagħtejn ilu, huwa ċar, raġonevoli kif ukoll ġust.

Kull dewmien li l-mozzjoni kif approvata mill-Kunsill Lokali tal-Gudja tiġi mressqa fl-istituzzjoni tal-pajjiż tista' tkun ta' preġudizzju għall-interess tal-Kunsill u allura tar-residenti tal-Gudja.

b. Bozza fi Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill approva li titwaħħal lampa ġdida ta' arblu li jinsab fi Triq Birżebbuġa, il-Gudja.

c. Fanal fi Sqaq nru 1 biswit u qrib il-Każin tal-Partit Nazzjonalista. Is-Sur Sammut qal li dan il-fanal ilu xi żmien mitfi u għalhekk għandhom jittieħdu passi sabiex dan jiġi msewwi u jixgħel bla dewmien.

119.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Dawl LED fi Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li jkun għaqli li d-dawl ta' dawn il-finali fi Triq R. Caruana għandhom jinbidlu f'LED għaliex dan ikun qed isalva l-enerġija u possibbilment jagħti aktar dawl.

Il-Kunsill qabel ma' dak li talab is-Sur Caruana u għalhekk għandu jikkonsulta mal-kuntrattur Nexos sabiex jikseb spejjeż li jkunu involuti sabiex isir it-tibdil kif issuġġerit.

b. Arbli fuq il-bankina – Vjal it-Torri u Triq iż-Żebbuġa. Is-Sur Caruana qal li dawn l-arbli f'nofs il-bankina qed ikunu kawża li jkunu għaddejjin fuq il-bankina inkluż persuni li jkunu qegħdin fuq il-bankina jkollhom jinżlu fit-triq u dan ikun ta' periklu.

Il-Kunsill qabel li jaqla' dawn l-arbli mill-aktar fiss possibbli u b'hekk ikun hemm aktar sigurtà u wieħed ikun jista' jimxi fuq il-bankini mingħajr tfixkil.

c. Monument ta' Mintoff fi Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li dan is-sit għandu jitnaddaf mill-aktar fiss possibbli u din il-lapida ta' tifkira terġa' titpoġġa f'postha u jerġa' jinħoloq spazju għall-parkeġġ.

d. Vetturi – trakkijiet ipparkjati f'toroq residenzjali. Is-Sur Caruana qal li hemm il-ħtieġa li jkun hemm aktar konsiderazzjoni dwar dan għaliex barra mill-inkonvenjent jista' wkoll ikun ta' periklu għas-sigurtà tar-residenti. Is-Sindku wieġeb li każijiet bħal dawn wieħed għandu jirreferi dan il-każ għand il-Pulizija sabiex jittieħdu passi skont kif tippermetti l-liġi.

e. Krejn bla number-plate pparkjat fi Triq il-Lewż. Is-Sur Caruana qal li dan il-krejn ilu hemm għal xi żmien. Is-Sindku wieġeb li hemm lok li l-Kunsill jinforma lill-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunità dwar dan sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa u tinżamm l-ordni.

f. Vleġġa fit-tarf ta' Triq R. Caruana (faċċata tal-knisja) li turi direzzjoni lejn it-terminus. Is-Sur Caruana qal li din hija meħtieġa għaliex ġie nnuttat li f'xi drabi karozzi tal-linja jibqgħu deħlin bi żball lejn is-Salib bil-konsegwenza li jinqala' kaos sħiħ. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Caruana u għalhekk għandha tiġi ordnata tabella li tindika sewwa t-terminus u titpoġġa f'post xieraq mill-aktar fiss possibbli.

119.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Tabella fix-xifer ta' Triq Ħal Safi faċċata tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Is-Sur Fenech qal li din it-tabella hija miksura u għandha tinbidel. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Andrew Vassallo sabiex isir dak meħtieġ mill-aktar fiss.

b. Skips tas-separazzjoni tal-iskart u CCTV ħdejn l-iskola primarja. Is-Sur Fenech qal li qed isegwi diversi imejls dwar dan u għalhekk huwa jħoss li għalkemm huwa maħsub li fix-xogħol ta' Ġnien R. Caruana sejra tkun hemm sistemi ta' CCTV, il-Kunsill għandu jaħdem mal-GreenPak u mal-Green Wardens sabiex tinstab soluzzjoni, jinqata' l-abbuż u b'hekk ikun hemm l-indafa u l-bins tas-seperazzjoni tal-iskart ikunu ta' servizz kif oriġinaljament maħsub u l-inħawi jinżammu nodfa u ħielsa minn kull vandaliżmu.

c. Laqgħa mas-Sur Cohen dwar il-problema tal-parkeġġ fil-Gudja kif ukoll dwar immaniġġjar tat-traffiku fil-Gudja. Is-Sur Fenech staqsa jekk kienx hemm xi tweġiba min-naħa tas-Sur Cohen jew mis-Sur Galea jew mis-Sur Haig dwar dak li ġie diskuss waqt din il-laqgħa li saret fil-bini tat-TM f'Ħal Lija.

Is-Sur Fenech qal li huwa kien qed jistenna li s-Sur Cohen kien sejjer isegwi dak li ġie diskuss sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jwieġeb għas-sejħa tar-residenti kemm dwar il-parkeġġ kif ukoll dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ġewwa l-Gudja fosthom il-kaxxi u linji sofor.

Is-Sur Fenech staqsa wkoll x'sar dwar il-proposta li jkun hemm parking area f'Ħal Far bil-possibilità li jkun hemm shuttle service ta' Park and Ride bejn dan il-parkeġġ u l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Is-Sindku wieġeb li minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jinkiseb kuntatt jew xi forma ta' risposta, dan kien għadu ma nkisibx iżda l-Kunsill kien qed jaħdem sabiex ikun hemm il-progress meħtieġ.

Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi huwa kien qed jaħseb li jirrifriska l-kaxxi blu sabiex possibbilment jitnaqqas il-parking fit-tul ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Sammut qal li l-problema hija li dan il-parkeġġ blu mhux uffiċjalment approvati u ma jistgħux jiġu infurzati anke jekk il-Kunsill qatt ma rċieva risposta negattiva.

Saret diskussjoni u finalment sar qbil li ġa la darba l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta, il-Kunsill għandu jirrifriska s-sinjali inkwistjoni kif ukoll jiffriska is-sinjali kollha skont kif ikun meħtieġa.

**119.6.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

119.6.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Dan ġie diskuss kif jidher aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

119.6.2 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress. Dan ġie diskuss kif jidher aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

119.6.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto- progress. Dan ġie diskuss kif jidher aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

119.6.4 Ġnien R. Caruana – progress. Il-Kunsill qed iżomm kuntatt mal-Perit Anne Casha sabiex joħorġu t-tender kif meħtieġ.

119.6.5 Ġnien Ġlormu Cassar – progress. Il-Kunsill jinsab infurmat li ħarġu t-tenders u mistenni li x-xogħol jibda fi żmien qasir.

**119.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

119.7.1 Il-lista ta' pagamenti nru 66/7 hekk kif ippreżentata u ppoponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €17,470.41 ġiet approvata.

**119.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

119.8.1 Għotjien xierqa għax-xelters. Il-Kunsill qabel u approva li dawn l-għotjien għandhom jinbidlu malajr kemm jista' jkun sabiex ikunu aħjar u jinfetħu sewwa u aktar jaqblu mal-ambjent kif jeżistu fi bnadi oħra f'Malta.

119.8.2 Konkos għat-trejqa fil-kampanja Tal-Lampat. Il-Kunsill wara li ra li l-proġett taħt miżura 4.3 sejjer jitwal u wara li kkonsidra l-qagħda ħażina li tinsab din it-trejqa u li hemm riskju li l-Kunsill jitfaċċa danni, il-Kunsill approva li jinxtara konkos sabiex jimtlew il-ħofor eżistenti.

119.8.3 Xiri ta' boroż tat-tarmak sabiex jintuża fi Triq Victor Pasmore u fl-inħawi ta' Loretu. Il-Kunsill wara li kkonsidra l-qagħda ħażina li jinsabu fihom dawn it-trejqiet qabel li ssir manutenzjoni urġenti u jinxtara 200 borża tarmak u tibda l-manutenzjoni b'mod urġenti.

119.8.4 Żgombru fuq il-bankina fi Triq Bir Miftuħ ħdejn Ġnien R. Caruana. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li hemm żewġ arbli li għandhom jersqu mal-ħajt u b'hekk il-bankina tkun aktar utli u aċċessibbli. Il-Kunsill qabel li tittieħed azzjoni fl-aqsar żmien possibbli.

119.8.5 Dawl fuq iż-zebra crossing fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ. Il-Kunsill għandu jinsisti mal-kuntrattur li jagħmel dan id-dawl b'mod urġenti.

119.8.6 Bollards f'side street fi Triq Ħal Għaxaq (wara l-bus shelter). Il-Kunsill qabel li jinxtraw u jitwaħħlu żewġ bollards (li jkunu jistgħu jinqalgħu) sabiex l-inħawi jkunu aktar siguri.

119.8.7 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għall-Erbgħa 17 ta' April 2019 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv